MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 2193/1997/1

***S.T. Microelectronics (Malta) Ltd***

***Versus***

***Malta International Airport p.l.c.*; *Fort Blocks Co. Ltd*;**
***Fort Construction Ltd*; u *Enemalta Corporation***

F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-likwidazzjoni u l-ħlas ta’ danni li ġarrbet wara li, fis-6 ta’ Novembru 1996, inqatgħet il-provvista ta’ l-enerġija elettrika lill-fabbrika tagħha.
Il-partijiet ittransiġew il-kawża b’kitba ta’ l-1 t’Awissu 2006 u, b’rikors tat-2 t’Awissu 2006, flimkien talbu illi tingħata sentenza skond il-kondizzjonijiet u l-pattijiet stipulati fil-kitba ta’ l-1 t’Awissu 2006.
Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tordna illi l-kitba privata ta’ l-1 t’Awissu 2006, mehmuża bħala dok. X mar-rikors, titqies bħala parti minn din is-sentenza u tikkundanna lill-

partijiet li ntrabtu b’obbligazzjoni f’dik il-kitba sabiex iwettqu l-obbligazzjonijiet tagħhom.
L-ispejjeż tal-kawża wkoll ikunu regolati skond il-ftehim milħuq fil-kitba ta’ l-1 t’Awissu 2006.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------